MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 333/2012

**Paul Tonna Son of Santu Limited**

**Vs**

**KMK Limited**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' erbgha u ghoxrin elf sebgha mija u erbgha u ghoxrin ewro (€24,724), hlas ghall-bejgh u konsenja ta' hgieg. L-attrici talbet ukoll sabiex il-qorti tisma' l-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Fis-seduta tal-lum, ghalkemm il-konvenuta kienet notifikata bl-atti, hadd ma deher ghaliha.

Il-qorti semghet lil Mario Tonna jixhed.

Jirrizulta li t-talbiet tal-attrici huma gustifikati.

Ghalhekk il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbgha u ghoxrin elf sebgha mija u erbgha u ghoxrin ewro (€24,724), bl-imghax mid-data ta' kull invoice.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------